# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Frar, 2019**

**Numru 5**

**Rikors numru 143/15 RGM**

**Daniela Seisun f'isimha proprio u bhala kutratrici ad litem ta' wliedha minuri Zemkin u Zeron ahwa Seisun**

**v.**

**Aaron Magro u Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet datat 1 ta' Marzu 2018 l-istess Direttur tar-Registru Publiku gie estromess mill-atti tal-kawza**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici minn sentenza parzjali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-7 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet, *inter alia*, li l-kunjom taz-zewgt itfal minuri komuni tal-partijiet jinbidel minn 'Seisun'

ghal 'Magro Seisun' u dan sabiex jirrifletti r-realta` bijologika li l-konvenut Magro huwa missier iz-zewgt itfal; u rrizervat l-ispejjez ghal gudizzju finali.

Il-Mertu

2. Il-partijiet mhux mizzewgin kienu f'relazzjoni li minnha twieldu z-zewgt itfal minuri, li llum wiehed ghandu 16-il sena u l-iehor ghandu 11-il sena. Il-missier ma rrikonoxxiex lit-tfal tieghu, u dan sabiex jigi percepit il-beneficcju socjali u ghalhekk fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom iz-zewg minuri gew indikati bhala ulied missier mhux maghruf.

3. Matul il-proceduri odjerni l-attrici, fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2017, talbet, inter alia, li minkejja li jigi defenittivament provat tramite it-testijiet genetici li l-konvenut Magro huwa l-missier bijologiku tat-tfal minuri, dawna jibqghu jzommu biss il-kunjom li garrew s'issa jigifieri dak ta' ommhom; min-naha tieghu il-konvenut oggezzjona ghal dan u sostna li jkun ta' hsara ghat-tfal minuri jekk dawn ma jgorrux ukoll kunjom missierhom talvolta li jigu rikonoxxjuti.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti trattat hekk il-vertenza rigwardanti l-kunjom tat-tfal:

"Dwar il-kunjom tal-minuri, l-**artikolu 92 (6) tal-Kap 16** jiddisponi li meta i-lfiljazzjoni ta' persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, kull min b'konsegwenza ta' dan jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif, jista' jitlob lill-Qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jithalla juza dak il-kunjom l-iehor, u jekk il-Qorti tkun soddisfatta li b'dak l-uzu mhux ser jigu pregudikati terzi, u f'kaz ta' minuri, li dak l-uzu ikun fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti ghandha tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur inizzel annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid.

"Fil-kaz in ezami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017, il-konsulent legali tal-konvenut iddikjarat li jkun ta' hsara ghall-minuri li ma jgorrux kunjom missierhom, mizjud ma' kunjom ommhom u ziedet li f'kazijiet simili il-minuri jgorru l-kunjom tal-omm kif ukoll il-kunjom tal-missier.

"Din t-talba skont ir-raba' proviso tal-artikolu 92(1) ghandha issir f'kull hin qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Id-dikjarazzjoni tal-konsulent tal-kovenut f'dik is-seduta tista' titqies bhala talba skont l-istess artikolu.

"Mill-banda l-ohra, l-konsulent legali tal-attrici fl-istess seduta ddikjara li l-attrici titlob li l-minuri ghandhom izommu l-kunjom li garrew sa issa cioe' kunjom ommhom. L-Artikolu 92(6) tal-Kap 16 li jipprovdi illi :-

> *"Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jew ta' kull artikolu ieħor fil-Kodiċi, meta l-paternità ta' persuna tkun ġiet magħrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun ġiet dikjarata mill-qorti, jew tkun saret tapplika l-preżunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b'konsegwenza ta' dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-preżunzjoni, jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, jista' jitlob lill-qorti kompetenti b'rikors kontra d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-qorti tkun sodisfatta li b'dak l-użu ma jkunux ser jiġu preġudikati terzi u, fejn ir-rikors ikun sar għan-nom ta' minuri, li dak l-użu jkun fl-aħjar interess tal-minuri, hija għandha tilqa' dik it-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni tad-deċiżjoni mogħtija minnha fuq l-Att ta' twelid rilevanti ta' min ikun ġie hekk magħruf jew li tkun ġiet hekk dikjarata l-filjazzjoni tiegħu jew li dwaru għandha tapplika dik il-preżunzjoni."*

"Ikkunsidrat;

"Fil-kawza odjerna iz-zewg minuri jafu sew min hu missierhom ghaliex ghal diversi perijodi f'hajjithom iz-zewg genituri ghexu taht l-istess saqaf maz-zewg minuri mertu tal-kawza odjerna. Ghalkemm huwa minnu illi sallum iz-zewg minuri kienu maghrufa biss bil-kunjom tal-omm, dan ma kienx jirrifletti r-realta` ghal numru ta' snin ta' dawn iz-zewgt itfal.

"Fil-fehma tal-Qorti huwa fl-interess tal-minuri illi mad-dikjarazzjoni tal-paternita' z-zewg minuri ghandhom jassumu l-kunjom '**Magro Seisun**'.

> Dan jiswa wkoll bhala turija illi issa z-zewgt itfal minuri m'ghadx ghandhom ic-certifikat tat-twelid juri ‘missier mhux maghruf’".

## L-Appell

5. L-appell tal-attrici huwa bbazat fuq erba’ aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] li l-bdil fil-kunjom tal-minuri mhuwiex fl-ahjar interess taghhom; [2] li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament korrett tal-ligi appozita; [3] li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament korrett tal-fatti u, [4] li l-interess suprem tal-minuri jiddetta li dawn jibqghu bil-kunjom li s’issa huma maghrufa.

6. Ghaldaqstant l-attrici qed titlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata f’ dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li kunjom il-minuri jigi mibdul u minflok, tilqa’ t-talba tal-attrici sabiex ai termini tal-artikolu 92[6] tal-Kodici Civili iz-zewg minuri jithallew jibqghu juzaw il-kunjom li garrew s’issa, jigifieri ‘Seisun’ bl-annotazzjonijiet relattivi fl-att tat-twelid skond il-ligi.

7. Min-naha tieghu l-konvenut Magro jirribatti ghal dawn l-aggravji fil-mod segwenti: li fil-kaz odjern ma jezistux ragunijiet gravi li ghalihom din il-Qorti ta’ revizjoni tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’ dan ir-rigward; li l-attrici ma pprovatx kif il-bidla fil-kunjom ser tkun ta’ pregudizzju ghat-tfal; li mhux minnu li l-oggezzjoni tal-attrici ghandha l-

ahjar interess tat-tfal, izda tali oggezzjoni hija ispirata bi spirtu ta' punizjoni fil-konfront tal-konvenut ghall-imgieba tieghu u, li l-minuri "qatt ma rregistraw l-oggezzjoni taghhom mal-Avukat tat-Tfal illi huma ma jridux izidu l-kunjom ta' missierhom ma' dak ta' ommhom."

8. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ipprezenta risposta fejn, filwaqt li ccita l-ligi u kazistika relevanti, irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tittratta l-aggravji flimkien peress li huma konnessi. Bazikament it-tezi attrici hi fis-sens li fid-decizjoni taghha fir-rigward tal-kunjom tat-tfal, l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza li, fejn jidhlu l-minuri, il-ligi fl-artikolu 92[6] tal-kodici fuq imsemmi trid li jitqies "l-ahjar interess tal-minuri" li ghandu jipprevali fuq l-interess tal-partijiet. L-attrici tghid li dan il-fattur ma giex debitament ikkunsidrat u evalwat fil-kaz odjern. Fis-sentenza fir-rikors guramentat numru 93/2017 moghtija fl-14 ta' Dicembru 2017, il-Prim Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Il-Qorti, f'dak li jirrigwarda l-kunjom li jkollha l-minuri, għandha quddiemha biss l-aħjar interess tat-tifla, li fil-preżent għandha oltre tnax-il sena u nofs u hija magħrufa bil-kunjom tal-omm D…… Il-jeddijiet u x-xewqat tal-ġenituri huma għal kollox irrelevanti, meta mqabblin mal-interess tal-ulied.

> "Il-Qorti hija tal-fehma li l-minuri ilha wisq magħrufa bil-kunjom D u tħossha ftit kiefra li tibdel il-kunjom ta' K f'dan l-istadju pjuttost teneru f'ħajjitha, fejn hija diġa` adoloxxenti, fażi tal-ħajja li ġġib magħha ċertu taqlib emozzjonali u instabbilita`. Il-Qorti ma tixtieqx li tkompli tikkomplika l-ħajja tal-minuri billi tibdlilha kunjomha. Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex, ai termini tal-Artikolu 92, sub-inċiż 6 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-minuri K tibqa' magħrufa bil-kunjom D. Dana m'għandu jnaqqas xejn mill-involviment tal-missier fil-ħajja tal-minuri li tista' tibbenefika minn relazzjoni tajba ma' missierha, filwaqt illi tevita li tgħaddi minn xi esperjenzi negattivi minħabba l-bdil tal-kunjom tagħha."

10. Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghal kaz odjern tenut kont tal-fatt li l-wild il-kbir illum ghandu 16-il sena u li qieghed fi zmien tal-adoloxxenza fejn persuna tkun qed tiffaccja sitwazzjonijiet li normalment huma assocjati ma' dan iz-zmien f'hajjitha u li l-identita` taghha hija ferm stabbilita bil-kunjom ta' Seisun u, wkoll wara li semghet il-minuri koncernat u anke lil huh ta' 11-il sena[1], il-Qorti ma tistax taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li l-bidla fil-kunjom tkun tirrifletti ahjar dak li issa gie xjentifikament u defenittivament stabbiliet li l-konvenut huwa missierhom.

11. Din il-Qorti tkellmet maz-zewg minuri u hija tal-fehma li huwa fl-interess taghhom li x-xewqa taghhom tigi rispettata billi kunjomhom jibqa' kif inhu bhal issa. Ukoll hija opportuna l-osservazzjoni li zgur ma jkunx fl-interess taz-zewg minuri li l-bidla fil-kunjom tigi accettata fil-kbir u mhux fiz-zghir, semplicement ghax ta' l-ahhar ghandu biss 11-il sena. Il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg ahwa m'ghandhomx ikollhom kunjom

---

[1] Il-minuri gew mismugha minn din il-Qorti kameralment fl-10 ta' Jannar 2019

differenti mill-iehor, u ghalhekk dak li jghodd ghall-kbir ghandu jghodd ukoll ghaz-zghir.

12. Ghaldaqstant l-aggravji tal-attrici huma gustifikati fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi u qed jigu hekk milqugha.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-attrici u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ordnat il-bidla fil-kunjom tat-tfal minuri minn 'Seisun' ghal 'Magro Seisun' u minflok, tordna li kunjom il-minuri illum 'Seisun' ma jitbiddilx.

L-ispejjez tal-appell ikunu a kariku tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Noel Cuschieri |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr